

V

(Avviżi)

PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI
KOMUNI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż tal-iskadenza imminenti ta' ċerti miżuri kompensatorji

(2011/C 116/05)

1. Kif stipulat fl-Artikolu 18(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 597/2009 tal-11 ta' Ġunju 2009 ⁽¹⁾ dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea, il-Kummissjoni tavża li sakemm tinbeda reviżjoni skont il-proċedura segwenti, il-miżuri kompensatorji msemmija hawn taħt jiskadu fid-data msemmija fit-tabella hawn taħt.

2. **Proċedura**

Il-produtturi tal-Unjoni jistgħu jressqu talba bil-miktub għal reviżjoni. Din it-talba trid tkun fiha biżżejjed evidenza li l-iskadenza tal-miżuri x'aktarx tkun se twassal għat-tkomplija jew għar-rikorrenza ta' sussidji u ta' ħsara.

Jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li tirrevedi l-miżuri kkonċernati, l-importaturi, l-esportaturi, ir-rappreżentanti tal-pajjiż esportatur u l-produtturi tal-Unjoni mbagħad jingħataw l-opportunità li jampifikaw, jikkontestaw jew jikkumentaw dwar il-kwistjonijiet stabbiliti fit-talba għar-reviżjoni.

3. **Il-limitu taż-żmien**

Il-produtturi tal-Unjoni jistgħu jressqu talba bil-miktub għal reviżjoni fuq il-bażi ta' hawn fuq, li għandha tasal għand il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ (Unit H-1), N-105 4/92, 1049 Brussell, Belgium ⁽²⁾ fi kwalunkwe żmien wara d-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż iżda mhux aktar tard minn tliet xhur qabel id-data msemmija fit-tabella hawn taħt.

4. Dan l-avviż huwa ppubblikat skont l-Artikolu 18(4) tar-Regolament (KE) Nru 597/2009.

Prodott	Il-pajjiż(i) tal-orijini jew tal-esportazzjoni	Miżuri	Referenza	Data ta' skadenza
Polietilentereftalat (PET)	L-Indja	Dazju kompensatorju	Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 193/2007 (ĠU L 59, 27.2.2007, p. 34)	28.2.2012

⁽¹⁾ ĠU L 188, 18.7.2009, p. 93.

⁽²⁾ Fax +32 22956505.